# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 81/2022 RM**

**Blokrete Limited (C 263)**

**-Vs-**

**DMA Limited (C 84448)**

**Illum, 2 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Blokrete Limited fit-30 ta' Marzu 2022 fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi DMA Limited tiġi kkundannata tħallasha l-ammont ta' sebat elef sitt mija u dsatax-il Euro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€7,619.56) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini, inkluż *precast prestressed concrete panels* magħruf bħala 'planki', mibjugħ u kkonsenjat lilek bl-ingrossa mis-soċjeta' attriċi fuq inkarigu tiegħek stess, u dan skont ma jirriżulta mill-istatement anness (Dok. BLK 1).

Bl-ispejjeż inkluz tas-sekwestru kawtelatorju kontestwalment ippreżentat, u bl-imgħax legali mit-30 ta' Settembru 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta minkejja li ġiet notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 kif awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Ġunju 2022, baqgħet ma dehritx quddiemha biex tikkontesta l-kawza u lanqas ippreżentat xi risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Rat illi ħadd ma deher għas-soċjeta' konvenuta fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022 sabiex jitwieġeb il-kapitolu għas-subizzjoni tagħha li ġie ppreżentat u approvat fit-30 ta' Novembru 2022;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Massimo Vella, rapprezentant ġudizzjarju tas-soċjeta' attriċi, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2021;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lill-abbli avukat tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 jitlob li l-kawża tibqa' differita għas-sentenza liema talba tiġi milqugħa;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex tikkontesta it-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha bil-fors tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment,

jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Issa fil-kaz in dizamina jirrizulta illi fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022, is-soċjeta' konvenuta, wara li ġiet imsejħa għas-subizzjoni, naqset milli tidher biex twieġeb għad-domandi ammessi u approvati. Skont kif jirrizulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna[1], in-nuqqas mingħajr raġuni valida tas-subent li jidher u jwieġeb għall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intiżi biex jagħmlu prova tad-domanda attriċi - jitqies bhala preżunta konfessjoni.

Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss waħda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[2] li din il-prova waħedha mhux neċessarjament biżżejjed biex tissodisfa l-piż tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-suċċess tal-pretensjoni tiegħu. Jingħad ukoll illi l-ġudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirriżulta min-nuqqas li jitwieġbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din il-preżunta konfessjoni tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirriżultaw mill-atti proċesswali, u dan in omaġġ għall-prinċipju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia**[3], bin-nuqqas tal-konvenut li jwieġeb għall-kapitoli, dawn :-

"*... ... ... jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti.*"

---

[1] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et –** deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.
[2] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et –** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[3] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ odjern, b'żieda mas-subizzjoni tas-soċjeta' konvenuta, il-kumpannija attriċi pproduċiet fl-atti stima li tinsab annessa mar-Rikors promotur[4] li minnha jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta talbet il-fornitura ta' *precast prestressed concrete panels* (planki) f'sit ġewwa Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, fejn ittieħdu l-qisien meħtieġa biex dawn il-planki jiġu suppliti lilha. Ressqet ukoll bħala xhud lir-rappreżentant ġudizzjarju tal-kumpannija Dr. Massimo Vella li xehed bil-ġurament illi l-fornitura tal-planki saret kif mitlub mis-soċjeta' konvenuta iżda minkejja diversi interpellazzjonijiet l-ammont ta' €7,619.56 reklamat mis-soċjeta' attriċi f'din il-kawża, baqa' qatt ma tħallas u għadu dovut lilha *in toto*.

Dawn il-provi ma ġewx kontradetti mis-soċjeta' konvenuta li, kif ingħad, baqgħet qatt ma dehret u baqgħet qatt ma kkontestat jew talbet li tikkontesta t-talba. Fil-qies ta' dan kollu – inkluz il-konfessjoni tal-istess konvenuta, ipprovokata min-nuqqas tagħha li twieġeb għall-kapitolu għas-subizzjoni tagħhom - il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad meħtieġ fil-kamp ċivili, illi l-ammont ta' €7,619.56 għadu dovut lilha mis-soċjeta' konvenuta.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta DMA Limited tħallasha s-somma ta' sebat elef sitt mija u dsatax-il Euro u sitta u ħamsin ċentemzu (€7,619.56) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur u bl-imghax mit-30 ta' Settembru 2021.**

**L-ispejjeż, kif mitlub, jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[4] Quotation datat 30 ta' Settembru 2021, fol. 2.